MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2004

Numru 192/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Norbert Ciappara**
**V**

**EMOHAMED MOHAMED EL GHANNUD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EMOHAMED MOHAMED EL GHANNUD** ta' tnejn u tletin sena bin Mohammed u Lutfija nee Ali, imwieled Trioli, Linja nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 1972 u residenti JA Flats, Flt 2, Triq il-Gizimin, Swieqi, detentur ta' passaport Libjan numru 060789/97 gie mressaq quddiemha akkuzat talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-piena skond l-ligi u tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-Fiat tal-Avukat Generali markat bhala dokument CSH esibit fl-atti, ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kap 101] kif wkoll l-istqarrija tal-imputat u l-fedina penali tieghu li hija wahda netta, bla ebda tebgha jew kontravenzjoni registrata fuqha.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sittax ta' Marzu 2004, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Ghalhekk fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv lil ssibu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ikkunsidrat ai fini ta' piena,
Il-Qorti qieset is-segwenti fatturi bhala mitigazzjoni fil-piena u cioe` li l-imputat ammetta l-akkuza moghtija fil-konfront tieghu u dan fl-ewwel opportunita` li inghata u cioe` mal-prezentata, dak li starr l-Ufficjal Prosekutur u cioe` li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha u li l-ammont ta’ droga misjuba fil-pussess tal-imputat kienet wahda di minimis.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li dawn ic-cirkostanzi ghandha tinfliggi piena ta' prigunerija sospiza.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat EMOHAMED**

**MOHAMED EL GHANNUD hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' xahar sospiz ghal sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**In oltre tinnomina lil analista Godwin Sammut sabiex jirtira u jaghmel d-distruzzjoni tad-droga markat bhala dokument CSH 4 esibita fl-atti.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti rat li ma gew nominati ebda esperti fil-kumpilazzjoni salv dik tal-spizjar Godwin Sammut u dan bil-ghan li jiddistruggi d-droga esibita, u ghaldaqstant qed tichad din it-talba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------